Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 9

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

10 ta' Jannar 2019

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 9/01 Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8907 — Aperam/VDM) [1] 1

2019/C 9/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9087 — Mondi Štětí/Holzindustrie Maresch/Eco-Investment/Labe Wood) [1] 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2019/C 9/03 Avviż għall-attenzjoni ta' persuni soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali 2

2019/C 9/04 Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali 3

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 9/05 Rata tal-kambju tal-euro 4

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2019/C 9/06 Avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-ġhajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/ta' skont ġhall-Istati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019 *(Ippubblikat skont ir-regoli dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont stabbiliti fil-Parti VII tal-Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat tal-Awtorità u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004)* 5

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Qorti tal-EFTA

2019/C 9/07 Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Il-Kawża E-3/18) 6

2019/C 9/08 Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Il-Kawża E-4/18) 7

2019/C 9/09 Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Il-Kawża E-5/18) 8

2019/C 9/10 Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Il-Kawża E-6/18) 9

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 9/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9221 — CMA CGM/CEVA) ([1]) 10

2019/C 9/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9232 — Ivanhoe Cambridge/Macquarie/RHP Manager/RHP Platform) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat ġhal proċedura ssimplifikata ([1]) 11

([1]) Test b'rilevanza ġhaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8907 — Aperam/VDM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/01)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aperam S.A. ("Aperam", il-Lussemburgu); kif ukoll

— VDM Metals Holding GmbH ("VDM", il-Ġermanja).

Aperam takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' VDM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tibda proċeduri taħt l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-parti(jiet) li nnotifikat infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li hi rtirat in-notifika tagħha u wriet li hi abbandunat il-konċentrazzjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9087 — Mondi Štětí/Holzindustrie Maresch/Eco-Investment/Labe Wood)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/02)

Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32018M9087. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni ta' persuni soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

(2019/C 9/03)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni iddeżinjati fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 ([1]), kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/29 ([2]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali.

Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit permezz tal-paragrafu 9 tar-Riżoluzzjoni 2374 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti żied tliet persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar stabbilita fil-paragrafi 1 sa 3 tar-Riżoluzzjoni 2374 (2017).

Il-persuna kkonċernata tista' fi kwalunkwe ħin tippreżenta talba lill-Kumitat tan-NU stabbilit skont il-paragrafu 9 tal-UNSCR 2374 (2017), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li dawk il-persuni jiġu inklużi fil-lista tan-NU tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Dik it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni ara: https://www.un.org/sc/suborg/sites/www.un.org.sc.suborg/files/2374_mali_committee_guidelines_en.pdf

Wara d-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar previsti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 għandhom japplikaw għal dawk il-persuni.

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li hija tiġi inkluża fil-lista msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1.C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek ukoll għall-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275(2), u l-Artikolu 263(4) u (6), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23.
([2]) ĠU L 8, 10.1.2019, p. 30.

Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

(2019/C 9/04)

Qed tingħed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 ([2]), kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/29 ([3]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tar-RELEX (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni tal-ipproċessar huwa RELEX.1.C li jista' jiġi kkuntattjat fl-indirizz:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1.C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' proċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775, kif implimentata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2019/29.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulat fid-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna konċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra relatata.

Id-data personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont il-ħtieġa mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jitwieġeb f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali tinżamm għal 5 snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew minn meta tiskadi l-validità tal-miżura, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
([2]) ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23.
([3]) ĠU L 8, 10.1.2019, p. 30.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Id-9 ta' Jannar 2019

(2019/C 9/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1455	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5172
JPY	Yen Ġappuniż	124,70	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,9789
DKK	Krona Daniża	7,4661	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6908
GBP	Lira Sterlina	0,89913	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5533
SEK	Krona Żvediża	10,2268	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 284,16
CHF	Frank Żvizzeru	1,1230	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,0136
ISK	Krona Iżlandiża	136,90	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8226
NOK	Krona Norveġiża	9,7668	HRK	Kuna Kroata	7,4281
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 180,19
CZK	Krona Ċeka	25,629	MYR	Ringgit Malażjan	4,7132
HUF	Forint Ungeriż	321,85	PHP	Peso Filippin	59,887
PLN	Zloty Pollakk	4,2968	RUB	Rouble Russu	76,8925
RON	Leu Rumen	4,6737	THB	Baht Tajlandiż	36,662
TRY	Lira Turka	6,3399	BRL	Real Brażiljan	4,2245
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5982	MXN	Peso Messikan	22,1006
			INR	Rupi Indjan	80,6365

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/ta' skont għall-Istati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019

(Ippubblikat skont ir-regoli dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont stabbiliti fil-Parti VII tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 ([1]))

(2019/C 9/06)

Ir-rati bażi huma kkalkulati skont il-Kapitolu dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 788/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008. Biex jinkisbu r-rati ta' referenza applikabbli, jiżdiedu marġni xierqa mar-rata bażi skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Ir-rati bażi ġew iddeterminati kif ġej:

	L-Iżlanda	Il-Liechtenstein	In-Norveġja
1.1.2019 –	4,93	-0,53	1,25

([1]) ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37 u s-Suppliment ŻEE Nru 26, 25.5.2006, p. 1.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-EFTA

Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda

(Il-Kawża E-3/18)

(2019/C 9/07)

Fid-9 ta' Novembru 2018 tressaq każ quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Catherine Howdle, u Ingibjörg Ólöf Vilhjálmsdóttir, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli tadotta l-miżuri meħtieġa biex tagħmel l-Att imsemmi fil-punt 7ja tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1051 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar il-modalitajiet tal-formola elettronika għall-ilmenti u dwar il-modalitajiet għall-kooperazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt previsti fir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar riżoluzzjoni ta' tilwim onlajn għat-tilwim mal-konsumaturi), kif adottat mill-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, parti mill-ordni legali intern tagħha kif meħtieġ mill-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas il-kostijiet ta' dawn il-proċedimenti.

Sfond legali u fattwali u eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:

— L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mit-23 ta' April 2018, mal-opinjoni raġunata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-21 ta' Frar 2018 dwar in-nuqqas tal-Istat li jimplimenta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu *ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1051 tal-1 ta' Lulju 2015 dwar il-modalitajiet għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tal-pjattaforma għas-soluzzjoni tat-tilwim onlajn, dwar il-modalitajiet tal-formola elettronika għall-ilmenti u dwar il-modalitajiet għall kooperazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt previsti fir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar riżoluzzjoni ta' tilwim onlajn għat-tilwim mal-konsumaturi* kif imsemmi fil-punt 7ja tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattata għal dan il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").

— L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.

Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda

(Il-Kawża E-4/18)

(2019/C 9/08)

Fid-9 ta' Novembru 2018 tressaq każ quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Catherine Howdle, u Ingibjörg Ólöf Vilhjálmsdóttir, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli tadotta miżuri meħtieġa biex tagħmel l-Att imsemmi fil-punti 7d, 7f u 7j tal-Anness XIX għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ir-Regolament dwar l-ADR tal-konsumaturi)), kif adottat mill-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, parti mill-ordinament ġuridiku intern tagħha kif meħtieġ mill-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas il-kostijiet ta' dawn il-proċedimenti.

Sfond legali u fattwali u eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:

— L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mit-23 ta' April 2018, mal-opinjoni raġunata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-21 ta' Frar 2018 dwar in-nuqqas ta' dan l-Istat li jimplimenta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu ir-*Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ir-Regolament dwar l-ADR tal-konsumaturi)*, kif imsemmi fil-punti 7d, 7f u 7j tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattat għal dak il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").

— L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.

Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda

(Il-Kawża E-5/18)

(2019/C 9/09)

Fid-9 ta' Novembru 2018 tressaq każ quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Catherine Howdle, u Ingibjörg Ólöf Vilhjálmsdóttir, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi f'punti 7d, 7f u 7k tal-Anness XIX għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għal tilwim mal-konsumaturi li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE) kif adattati bi Protokoll 1 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt, jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tavża lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bih.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas il-kostijiet ta' dawn il-proċedimenti.

Sfond legali u fattwali u eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:

— L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mit-23 ta' April 2018, mal-opinjoni raġunata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-21 ta' Frar 2018 dwar in-nuqqas ta' dan l-Istat li jimplimenta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu *id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għal tilwim mal-konsumaturi li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE*, kif imsemmi fil-punti 7d, 7f u 7k tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattat għal dak il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").

— L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.

Azzjoni mressqa fid-9 ta' Novembru 2018 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda

(Il-Kawża E-6/18)

(2019/C 9/10)

Fid-9 ta' Novembru 2018 tressaq każ quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Catherine Howdle, u Ingibjörg Ólöf Vilhjálmsdóttir, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi f'punt 1a tal-Anness XX għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent), kif adattati bi Protokoll 1 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt, jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tavża lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bih.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas il-kostijiet ta' dawn il-proċedimenti.

Sfond legali u fattwali u eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:

— Din l-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mit-3 ta' April 2018, ma' opinjoni motivata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-31 ta Jannar 2018 dwar in-nuqqas ta' dan l-Istat li jimplimenta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu *id-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 u li temenda d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent* kif imsemmi fil-punt 1a tal-Anness XX għall-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattat għal dan il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").

— L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9221 — CMA CGM/CEVA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/11)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CMA CGM S.A. ("CMA CGM", Franza),

— CEVA Logistics AG ("CEVA", l-Iżvizzera).

CMA CGM takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' CEVA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-26 ta' Novembru 2018.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CMA CGM: it-trasport fil-baħar, inkluż tbaħħir tal-containers, is-servizzi ta' terminals tal-port u, sa ċertu punt, is-servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija;

— CEVA: (i) servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija, inkluża merkanzija bl-ajru u bil-baħar, trasport fuq l-art, sensarija doganali u servizzi oħrajn b'valur miżjud u (ii) loġistika tal-kuntratti, inklużi servizzi ta' mħażen, trasport, loġistika inbound u appoġġ lill-manifattura.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9221 — CMA CGM/CEVA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Użu d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9232 — Ivanhoe Cambridge/Macquarie/RHP Manager/RHP Platform)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/12)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din n-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ivanhoe Cambridge Inc. ("Ivanhoe", il-Kanada),

— Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Awstralja),

— RHP Partners-Manager, LLC ("RHP Manager", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— RHP Partners, LLC u RHP AM, LLC (flimkien, "RHP Platform", l-Istati Uniti tal-Amerika), bħalissa kkontrollata minn Macquarie u RHP Manager.

Ivanhoe, Macquarie u RHP Manager jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' RHP Platform.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ivanhoe: investitur dinji tal-proprjetà immobbli u sussidjarja tal-maniġer tal-pensjonijiet Kanadiżi, Caisse de depot et placement du Québec;

— Macquarie: fornitur dinji ta' servizzi bankarji, finanzjarji, ta' konsulenza, ta' investiment u ta' ġestjoni ta' fondi, li jaġixxi f'isem klijenti istituzzjonali, korporattivi u fil-livell tal-konsumatur u kontropartijiet madwar id-dinja;

— RHP Manager: tippossjedi, tiġġestixxi u tħaddem portafoll ta' djar tal-komunitajiet manifatturati fl-Istati Uniti tal-Amerika;

— RHP Platform: bħalissa għandha u tiġġestixxi portafoll ta' disa' assi ta' proprjetà immobbli madwar l-Istati Uniti tal-Amerika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9232 — Ivanhoe Cambridge/Macquarie/RHP Manager/RHP Platform

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Użaa d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT